2 ta' April, 1955

**Imħallef:**

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Emmanuele Baldacchino

## "Talkies" — Impjegat — "Bar-man" — Hinijiet tax-Xogħol — Art. 15(2) tal-Att XI tal-1952

*L-Att XI ta' l-1952 irid li l-prinċipal għandu jżomm lill-impjegat, meta jinqagħjah, id-dispożizzjonijiet ta'* ***kull kondizzjoni rikonoxxuta*** *applikabbli għall-impieg tiegħu.* ***L-impieg ta' "bar-man" f'teatru ma huwiex eskluż mill-applikazzjoni ta' dana l-obligu.***

*Il-prinċipal għandu wkoll l-obligu li ma jħaddemx lill-impjegat* ***bis-***

*sahra mingħajr l-approvazzjoni tad-Direttur tax-Xogħol, u dak li jagħti lill-impjegat żmien ta' ġurnata jew żewġ nofs ta' nhari fil-ġimgħa; u ma jistax jeħles mir-responsabbiltà li jġibu dawn l-obligi billi jallega li l-impjegat ħadem fil-ħinijiet li jġibu għal dawn il-kontravvenzjonijiet għax għoġbu jagħmelranġamenti ma' impjegat ieħor minn jeddu dwar il-ħinijiet tax-xogħol, bla ebda pressjoni tal-prinċipal, jekk huwa kien jaf li kien qiegħed isir dan ir-ranġament kontra l-liġi u ma għamel xejn biex jimpedih u biex tiġi osservata l-liġi.*

*Mhix aċċettabbli l-allegazzjoni tal-prinċipal li fil-komputu tal-ħin għandu jitnaqqas il-ħin li fih l-impjegat kien jidħol jara xi "film-show", jekk fil-waqt li hu kien jara l-"film" huwa kien rikjamabbli għax-xogħol "hic et nunc" u kien baqa' għad-dispożizzjoni tal-prinċipal.*

Il-Qorti:— **Rat** iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra l-imsemmi Baldacchino quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistarti ta' Malta talli, bħala direttur li jamministra t-Teatri "Embassy" u "Ambassador" f'St. Lucia Street, il-Belt, fl-10 ta' Diċembru, 1954 u qabel, (1) naqas li jispjega lil Joseph Pace fuq l-impjeg tiegħu bħala "bar man" fit-teatru "Ambassador", (2) naqas li jagħti jew jibgħat lill-istess impjegat Joseph Pace, matul l-ewwel sitt ijiem ta' l-impjeg tiegħu, dikjarazzjoni iffirmata minnu li turi d-dettalji fuq l-impjeg tiegħu, (3) ħaddem lill-istess impjegat bis-sahra bejn it-13 ta' Frar u s-17 ta' Awissu 1954 mingħajr l-approvazzjoni tad-Direttur tax-Xogħol, (4) naqas li jħallas l-anqas ħlas fil-ġimgħa lill-imsemmi Joseph Pace, li kien impjegat għal ħin kollu bħala "bar man" fl-imsemmi teatru, (5) u naqas li jagħti lill-istess impjegat żmien ta' ġurnata, jew żewġ nofs ta' nhari li jispiċċaw jew jibdew fis-1 p.m., darba fil-ġimgħa;

*Rat* it-talba sabiex il-Qorti tordna lill-istess Emanuel Baldacchino li jħallas lill-istess Joseph Pace s-somma ta' £148. 5s. 0d. tas-sahra li għamel bejn it-13 ta' Frar u l-10 ta' Ottubru 1954, u s-somma ta' £21, differenza bejn il-paga attwalment imħallsa lilu u dawk li huma stabbiliti fill-liġi mill-perjodu tat-13 ta' Frar 1954 u 9 ta' Lulju 1954;

**Rat** is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Jannar 1955, li biha sabet lill-imputat ħati skond iċ-ċitazzjoni, u kkundannatu £2 multa għall-ewwel imputazzjoni, £2 multa għat-

tieni imputazzjoni, £2 multa għat-tielet imputazzjoni, £5 multa għar-raba' imputazzjoni, u £5 multa għall-ħames imputazzjoni; u fl-istess ħin ordnat lill-imputat iħallas lil Joseph Pace s-somma ta' £134. 6s. 0d. ta' sahra li għamel bejn it-13 ta' Frar u l-10 ta' Ottubru 1954, u s-somma ta' £21 differenza bejn il-pagi attwalment imħallsa lilu u dawk dovuti skond il-liġi mit-13 ta' Frar 1954 sad-9 ta' Lulju 1954;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija kwantu għall-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni, u kwantu għal dik il-parti tas-sentenza kontenenti l-kundanna għall-ħlas tas-sommom fuq imsemmija;

Trattat l-appell;

Ikkonsidrat;

Dwar l-ewwel imputazzjoni;

L-impunjattiva tas-sentenza relattiva għal dan il-kap hi motivata fis-sens li, skond id-difiża, l-impjieg ta' "bar man" ma hux tali li l-esponent kellu bżonn jispjega d-dettalji kollha tiegħu, għax Pace kien jaf mill-ewwel x'kien ix-xogħol tiegħu, u għalhekk ma kienx hemm bżonn spjegazzjonijiet fit-tul;

Dan il-motiv ma jreġġix. Il-liġi, fl-art. 15(2) Att XI tal-1952, trid li l-prinċipal għandu jfiehem lill-impjegat, meta jingaġġjah, id-disposizzjonijiet ta' kull kondizzjoni rikonoxxuta applikabbli għall-impieg tiegħu. Kieku kellna tiġi ammessa t-teżi tad-difiża, dan l-artikolu tal-liġi ma kienx ikollu sens, għax kull impjegat, meta jimpjega ruħu, jaf f'liema kwalità qiegħed jimpjega ruħu. Imma l-liġi, skond it-test espress tagħha, trid aktar minn daqshekk. Il-provi juru li l-imputat ma ottemperax ruħu mad-dispost tal-liġi;

Dwar it-tielet u l-ħames imputazzjoni;

Id-difiża sostniet illi Pace kiser il-ħinijiet li jġibu għal dawk iż-żewġ imputazzjonijiet għax għażel jagħmel rangament minn jeddu dwar il-ħinijiet tax-xogħol ma' impjegat ieħor, bla ebda pressjoni mill-parti tal-imputat. Kompliet tgħid li l-fatt li l-imputat ta lil Pace u lill-impjegat l-ieħor il-fakoltà li jirranġaw bejniethom ma fih xejn ħażin, anzi jwassal għal relazzjonijiet industrijali aħjar. Pace seta' ħassar ir-rangament mal-impjegat l-ieħor u qagħad għall-orarju origi-

nali. Ix-xogħol kien tali (kompliet issostni d-difiża) li seta' jsir fil-limiti tal-ħinijiet li kienu ġew stabbiliti mill-imputat;

Lanqas dan l-argument tad-difiża ma hu sewwa. Sostanzjalment, l-argument hu fis-sens li l-liġi kisirha mhux l-imputat, imma ġiet miksura għax l-impjegat Pace għamel rranġament mal-impjegat l-ieħor għal kommodu tagħhom. Iżda l-provi, fil-preponderanza tagħhom, juru li l-imputat kien jaf b'dak li kien qiegħed isir kuntrarjament għall-liġi, u ma għamel xejn biex jimpedieħ u biex josserva l-liġi, li kien tenut josserva bħala prinċipal. Dan hu wieħed minn dawk il-każijiet fejn il-"guilty mind" tal-imputat hi kostitwita minn dak li "state of mind" li l-ġuristi Ngliżi jsejħu "recklessness". U l-Qrati Ngliżi jiddefinixxu l-kelma "recklessness" bħala "wilfully shutting one's eyes", kif għamel l-imputat;

Mill-kumpless tal-provi jidher li, bil-mod kif kienu qegħdin jaħdmu Pace u l-impjegat l-ieħor, kien qiegħed jiġi vantaġġjat in-negozju tal-imputat. Komunkwe sija, hu kien jaf x'qiegħed isir, u avvolja, "ex hypothesi", ma ssuġġerieħx hu, però huwa injora l-vjolazzjoni tal-liġi, u ħalliha ssir. Bħala prinċipal hu kellu l-obligu li josserva l-liġi, u għalhekk "recklessness" issir negliġenza f'sens ta' "guilty mind". Anki jekk wieħed irid jestendi s-sens ġuridiku tal-kelma "recklessness" bil-mod li jsostni, f'test reċenti, l-awtur Glanville Williams (Criminal Law, 1953 edit.), li ċjoe din ir-"recklessness" tkun mhux biss oġġettiva, imma anki soġġettiva, fis-sens li l-imputat, fil-ħin li ma tax każ ta' dak li kien qed isir, kien ukoll jaf li dak li kien qed isir kien kontra l-liġi, fil-każ preżenti jirriżulta mill-provi li l-imputat kien jaf li l-liġi kienet vjolata; għax, meta kien jivviżita l-post l-Inspector of Labour, kien jgħid lil Pace biex isemmi ħinijiet diversi minn dawk reali, u lill-impjegat l-ieħor Farrugia kien jibgħatu l-barra meta kien jiġi dak l-uffiċjal. Il-provi juru wkoll li kien hemm ħinijiet li fihom wieħed waħdu max-xogħol tal-bar ma kienx ilaħħaq. S'intendi, wieħed ma għandux jinterpreta dan il-pont fis-sens assolut li kull waqt u ħin ix-xogħol tal-bar kien tali li bilfors kien hemm bżonn żewġ impjegati, imma fis-sens raġjonevoli li kienu jiġu okkażjonijiet li fihom wieħed waħdu ma kienx ikun biżżejjed (ara xhieda ta' li *Staff Manager Mangion*);

Dwar ir-raba' imputazzjoni;

Id-difiża ssottomettiet li l-komputu għandu jsir diversament, għax mill-ewwel ta' Lulju, 1954, Pace kien impjegat fit-teatru "Embassy", u mhux fit-teatru "Ambassador". Il-perijodu komputat mill-Ewwel Qorti għall-finijiet ta' din *l-imputazzjoni, hu dak mit-13 ta' Frar, 1954 sad-9 ta' Lulju,* 1954. Peress li l-paga, meta tela' fit-teatru "Embassy", żdiedet minn £4 għal £4.10.0 fil-ġimgħa, għalhekk is-sottomissjoni tad-difiża, jekk vera, iġġib deduzzjoni mill-komputu ta' l-Ewwel Qorti ta' nofs lira fil-ġimgħa fil-perijodu mill-ewwel sad-9 ta' Lulju kompriż fil-perijodu fuq indikat;

*Id-difiża, però, ma rnexxielhiex* tipprova l-assunt tagħha għas-sodisfazzjon tal-Qorti b'mod li tilleġittima l-korrezzjoni, avvolja minima, tas-sentenza f'dan il-pont. Pace stess qal, għal darba tnejn, li hu tela fl-"Embassy" f'Awissu .........;

Id-difiża argumentat ukoll li l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas *il-ħin li Pace kien jidħol* jara l-"film show";

Lanqas dan l-argument ma hu ammissibbli. Hu veru li Pace kien jidħol jara x-"show" xi kull tant; imma dan ma jfisserx li hu ma kienx "hic et nunc" rikjamabbli għax-xogħol, u li b'daqshekk ma kienx jibqa' għad-dispożizzjoni tal-prinċipal. Peress li waqt ix-"show" il-bar ma jkunx tant *in rikjesta, għalhekk* dan il-mument kien biżżejjed li jkun hemm wieħed; imma dan ma jfisserx illi, jekk jinqala' x-xogħol anki waqt ix-"show", Pace ma kienx ikollu joħroġ u jagħmel ix-xogħol tiegħu;

Għalhekk ma jidherx li d-difiża waslet biex turi li hemm raġunijiet biex tiġi mbiddla s-sentenza impunjata;

Konsegwentement;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma l-istess sentenza.